



Brussell, 6 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8653/19

EDUC 214
SOC 321

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Tħejjija tad-dibattitu ta' orjentazzjoni tal-Kunsill EYCS ta' Mejju dwar "Il-Bini tal-ġejjieni tal-Ewropa: il-kontribut tal-edukazzjoni fit-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali" ('Building the future of Europe: the contribution of education to strengthening social cohesion') - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i> (<i>Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill</i>) [<i>propost mill-Presidenza</i>]

Wara konsultazzjoni tal-Kumitat tal-Edukazzjoni, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' diskussjoni meħmuż, li tressaq bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni li ser isir fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fit-22 u t-23 ta' Mejju 2019.

**Il-bini tal-ġejjieni tal-Ewropa: il-kontribut tal-edukazzjoni fit-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali
('Building the future of Europe: the contribution of education to strengthening social
cohesion')**

Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza

Fl-14 ta' Novembru 2017 is-Summit Soċjali li sar f'Gothenburg, l-Iżvezja, kien iddedikat għar-rwol tal-edukazzjoni u l-kultura. F'dik l-okkażjoni, il-Kummissjoni ppreżentat viżjoni għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025. F'dan il-kuntest, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017¹ irrikonoxxew l-edukazzjoni u l-kultura bħala *"kruċjali għall-bini ta' soċjetajiet inklużivi u koeżivi, u biex isostnu l-kompetittività tagħna"*. Fl-istess ħin, il-Kunsill Ewropew appella lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jeżaminaw miżuri possibbli li jindirizzaw *"il-ħtieġa ta' approċċ għall-edukazzjoni u t-taħriġ li jkun inklużiv, ibbażat fuq it-tagħlim tul il-ħajja u xprunat mill-innovazzjoni"*. Bħala segwitu, iż-żewġ pakketti dwar l-edukazzjoni proposti mill-Kummissjoni stabbilixxew l-orjentazzjonijiet ewlenin għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

Fit-teħid tar-rwol ta' tmexxija tiegħu f'dan il-qasam, fit-22 ta' Mejju 2018 il-Kunsill adotta konklużjonijiet² dwar il-mixja lejn viżjoni għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni. Il-konklużjonijiet bdew billi jfakkru fid-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u jenfasizzaw l-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi sabiex jinżammu u jinkisbu ħiliet li jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà u transizzjonijiet b'suċċess fis-suq tax-xogħol.

¹ EUCO 19/1/18 REV 1.

² ĠU C 195, 7.6.2018, p.7.

Il-Kunsill kompli jissottolinja r-rwol kruċjali tal-edukazzjoni u l-kultura biex l-Ewropej jingħaqdu flimkien u l-importanza tagħhom għall-ġejjieni tal-individwi kif ukoll għall-Unjoni kollha kemm hi. Huwa stieden lill-Istati Membri biex ikomplu jirriflettu dwar viżjoni kondiżiva għal Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u r-rabtiet tagħha mal-qafas strateġiku ta' wara l-2020 għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jissottolinja li l-qafas attwali (ET 2020) ipprova bażi siewja għall-istabbiliment ta' prioritajiet komuni u l-appoġġ għall-Istati Membri fl-immodernizzar tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom.

Bl-istess mod, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar It-tiżi tal-Identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura³, filwaqt li tistabbilixxi l-viżjoni ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, enfasizza ukoll ir-rwol ewlieni tal-edukazzjoni u l-kultura bħala l-aħjar vetturi għat-tiżi tal-identità Ewropea tagħna u għall-kisba ta' fehim aħjar ta' xi tfiżer li tkun Ewropew. It-tradizzjonijiet, l-istorja u l-wirt kulturali tagħna, li huma l-essenza ewlenija ta' min aħna bħala ċivilizzazzjoni, huma pedamenti b'saħħithom li għandna nibnu fuqhom bħala Unjoni. Li nsiru nafu lil xulxin aħjar, filwaqt li nħaddnu flimkien il-prinċipji tad-demokrazija u s-solidarjetà, jista' jgħinna nibnu ġejjieni sostenibbli u sigur għall-Ewropa.

L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ huma fejn jiltaqgħu s-soċjetà, il-komunità u l-familja. Fil-ħidma tiegħu dwar "L-inklużjoni u ċ-Ċittadinanza" ('Inclusion and Citizenship'), il-Grupp ta' Esperti dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Ewropej (inkarigat mill-appoġġ għat-tnejn tal-qafas strateġiku ta' wara l-2020 għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ) enfasizza r-rwol tal-iskejjel bħala spazji komunitarji, li jaġixxu bħala punt ta' kollegament bejn komunitajiet u servizzi differenti, bħas-saħħa u s-servizzi soċjali.

³ COM(2017) 673 final.

Ir-rapport imsemmi hawn fuq irrikonoxxa wkoll il-valur tat-tolleranza u l-inklużjoni fil-kuntest tal-edukazzjoni taċ-ċittadini, partikolarment mill-perspettiva tal-ġlieda kontra l-perspettivi popolisti u estremisti tad-dinja. Fil-laqgħa tagħhom f'Timisoara tal-1 u t-2 ta' April, id-Diretturi Ġenerali għall-Iskejjel iddiskutew il-"Ftuħ tal-iskejjel għall-Ewropa" ('Opening schools to Europe') bħala opportunità sostanzjali għalina lkoll – min jieħu d-deċiżjonijiet, l-għalliema, u l-mexxejja ta' skejjel – biex nikkontribwixxu għall-ġejjieni tal-Unjoni billi niżguraw li l-valuri u l-prinċipji demokratiċi tal-UE jibqgħu fil-qalba tas-sistemi tal-edukazzjoni tagħna. Il-parteċipanti ssottolinjaw l-importanza tal-prattiki ta' tagħlim, l-ambjenti ta' tagħlim parteċipattivi u l-proċessi demokratiċi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-iskejjel. Bl-istess mod, l-inizjattiva "tal-Universitajiet Ewropej", li hija element importanti taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u rivoluzzjonarja għax-xena tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa, hija mibnija fuq kombinazzjoni b'saħħitha tal-eċċellenza u l-inklużjoni, kemm f'termini ġeografiċi kif ukoll f'dawk soċjali, filwaqt li ssaħħa l-identità tal-UE.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim⁴ tenfasizza l-hteġa li "*iżidu l-iskambju tal-valuri komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea minn età bikrija u fil-livelli u fit-tipi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'perspettiva tul il-ħajja biex isaħħu l-koeżjoni soċjali u sens komuni pożittiv u inklużiv ta' appartenenza fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni*". Ir-Rakkomandazzjoni tiddikjara li l-promozzjoni tal-edukazzjoni inklużiva għall-istudenti kollha tista' tinkiseb b'mod partikolari billi: "*jinkludu lill-istudenti kollha f'edukazzjoni ta' kwalità mit-tfulija u tul il-ħajja; jipprovdu l-appoġġ meħtieġ għall-istudenti kollha skont il-ħtiġijiet partikolari tagħhom, inkluż dawk li ġejjin minn ambjenti soċjoekonomiċi żvantaġġati, dawk li ġejjin minn ambjent ta' migrazzjoni, dawk bi bżonnijiet speċjali u lill-istudenti bl-akbar talent; jiffaċilitaw it-transizzjoni bejn il-livelli u l-mogħdijiet differenti tal-edukazzjoni u jippermettu l-għoti ta' gwida adegwata għall-edukazzjoni u l-karriera*".

⁴ ĠU C 195, 7.6.2018, p.1.

Matul il-presidenza Bulgara u dik Awstrijaka, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-mixja lejn viżjoni ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u r-Rakkomandazzjoni dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' diplomi ta' edukazzjoni għolja u ta' edukazzjoni sekondarja għolja u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra l-pajjiż.

Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ komprensiv lejn it-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi u dwar sistemi ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja, li huma fuq l-aġenda għall-adozzjoni minn dan il-Kunsill, eżattament sena wara l-proposti li tressqu mill-Kummissjoni Ewropea, jipprovdu gwida konkreta dwar il-promozzjoni ta' kuntesti u eżiti tat-tagħlim inklużiv.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Ministri huma mitluba jirriflettu dwar l-iżvilupp taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025, b'mod partikolari fir-rigward tat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali. F'dan il-kuntest, jiġu indirizzati l-mistoqsijiet ta' gwida li ġejjin:

Mistoqsijiet

1. Liema huma l-passi neċessarji li jmiss fil-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jinkiseb l-objettiv tal-ħolqien ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025?

2. Liema huma l-proġetti jew il-prattiki l-aktar ta' suċċess f'pajjiżek li jippromwovu kultura tat-tagħlim ibbażata fuq il-valuri komuni u t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali? Kif tista' l-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell Ewropew issaħħaħ tali kultura tat-tagħlim fost l-istudenti ta' kull età?